

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2021 – Troy Chemical Company vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-662/21)**

(2021/C 490/61)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Troy Chemical Company BV (Delft, il-Pajjiżi Baxxi) (rappreżentanti: D. Abrahams, Ł. Gorywoda u Z. Romata, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-konvenuta C (2021) 5968 final tal-5 ta' Awwissu 2021 li parzjalment tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti mitluba mir-rikorrenti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 <sup>(1)</sup>, fit-totalità tagħha;
- taċċetta t-talba għal proċedura mħaffa taħt l-Artikoli 151 u 52 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;
- tadotta kull miżura oħra li tista' tkun meħtieġa mill-ġustizzja;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha r-rikorrenti tinvoka motiv wieħed li permezz tiegħu tallega li l-konvenuta kisret it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 – li huwa ksur kemm ta' "rekwiżiti formali essenzjali" kif ukoll ta' "dispożizzjoni legali". Jiġi allegat li l-fatti tal-kawża preżenti ma jiġġustifikawx l-eżenzjonijiet sostnuti mill-konvenuta biex tirrifjuta l-iżvelar ta' taqsimiet b'informazzjoni oskurata tad-dokumenti mitluba u, f'kull każ, l-interess pubbliku superjuri ta' trasparenza u pubbliċità tal-proċedura leġiżlattiva jiffavorixxi l-iżvelar sħiħ tad-dokumenti mitluba mir-rikorrenti.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2021 – Civitta Eesti vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-665/21)**

(2021/C 490/62)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrent:* Civitta Eesti AS (Tartu, l-Estonja) (rappreżentant: C. Ginter, lawyer)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-12 ta' Ottubru 2021 <sup>(1)</sup> li tiċħad l-offerta tar-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal offerri MOVE/2020/OP/0008 "Assistenza legali, soċjoekonomika u teknika fl-oqsma tal-Enerġija u l-Mobilità u t-Trasport", lott 5: "attivitajiet ta' assistenza soċjoekonomika fil-qasam tal-mobilità u t-trasport";
- tannulla kull miżura konsegwenti, intenzjonata jew relatata, inklużi anki miżuri li għadhom mhux magħrufa meħuda mill-konvenuta fil-lott 5 fil-kuntest tas-sejħa għal offerri imsemmija qabel, u, b'mod partikolari, tannulla r-rapporti ta' evalwazzjoni tal-offerti u kull kuntratt li sar mal-offerent li ntgħażel;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-fatt li l-konvenuta għamlet żball manifest ta' evalwazzjoni billi ħadhet l-offerta tar-rikorrenti u b'hekk kisret l-Artikolu 168(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. <sup>(2)</sup>
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta kisret l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea billi ħadhet l-offerta tar-rikorrenti u ma kkunsidratx l-ispegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar l-eżistenza u l-integrità tal-offerta teknika tagħha.

<sup>(1)</sup> Kif innotifikat lir-rikorrent bl-ittra tal-konvenuta Nru Ares (2021) 6214855 tat-12 ta' Ottubru 2021.

<sup>(2)</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

---

### **Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2021 – Stena Line Scandinavia vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-391/20)** <sup>(1)</sup>

(2021/C 490/63)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 279, 24.8.2020.

---

### **Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ottubru 2021 – Alliance française de Bruxelles-Europe et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-285/21)** <sup>(1)</sup>

(2021/C 490/64)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-Presidenta tat-Tieni Awla ordnat it-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 12.7.2021.

---